

Brussell, 3 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14108/23

SPORT 34

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Ambjenti Sikuri fl-Isport - <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Wara konsultazzjoni tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Isport, il-Presidenza ħejjiet id-dokument ta' informazzjoni meħmuż, li qed jiġi ppreżentat bħala l-bażi għad-dibattitu ta' orjentazzjoni li ser isir fil-laqgħa tal-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport fit-23 u l-24 ta' Novembru 2023.

SPANJA 2023 PEUE SPORT**NOTA TA' INFORMAZZJONI GĦAD-DIBATTITU TA' ORJENTAZZJONI****TAL-KUNSILL TAL-MINISTRI****24 ta' Novembru 2023****Ambjenti Sikuri fl-Isport**

L-isport huwa meqjus bħala wieħed mill-aktar attivitajiet ta' benefiċċju għas-saħħa tal-bniedem, kemm fiżika kif ukoll mentali, filwaqt li huwa wkoll importanti għall-integrazzjoni u l-inklużjoni soċjali, u jinkludi wkoll id-dimensjoni soċjali, personali, ekonomika u reputazzjonali, b'mod partikolari fejn jirrigwarda l-isport kompetittiv.

L-Unjoni Ewropea hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, kif stabbilit fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tiġbor flimkien l-aktar libertajiet u drittijiet personali importanti li jgawdu ċ-ċittadini tal-UE f'dokument wieħed legalment vinkolanti.

F'Novembru 2021, riżoluzzjoni tal-Kunsill stabbiliet il-karatteristiċi ewlenin ta' Mudell Ewropew tal-Isport (MES), bħal-libertà ta' assoċjazzjoni, struttura piramidali, sistema miftuħa ta' promozzjoni u relegazzjoni, approċċ fil-livell lokali u solidarjetà, rwol fl-identità nazzjonali, il-bini ta' komunità, u l-istrutturi bbażati fuq attività volontarja. Ir-rwoli tal-isport fl-ambitu soċjali, edukattiv, kulturali u dak tas-saħħa huma rikonoxxuti wkoll, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-UE. Barra minn hekk, ir-riżoluzzjoni tappella lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni Ewropea u lill-moviment sportiv biex jirrispettaw u jippromwovu d-drittijiet fundamentali u tal-bniedem fl-isport u permezz tal-isport.

Il-valuri tal-MES huma marbuta direttament mal-iżgurar ta' ambjent sportiv aktar sikur għal kulħadd.

Is-saħħa u s-sikurezza huma elementi essenzjali li għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jinkiseb il-benefiċċju individwali u kollettiv sħiħ tal-isport. Hemm għadd ta' fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati fir-rigward tal-ambjenti għall-isport, bħal kwistjonijiet tekniċi u loġistiċi, kwistjonijiet soċjali u ambjentali, u s-saħħa ġenerali tal-persuni involuti.

Kull wieħed minn dawn il-fatturi jinvolti sfidi sinifikanti li ser ikollhom jiġu indirizzati fil-futur qrib.

L-ewwel waħda minn dawn l-isfidi tikkonċerna l-infrastruttura u l-faċilitajiet sportivi sikuri, għax il-prattika tal-isport ma għandha tinvolvi l-ebda riskju għas-saħħa u s-sikurezza. F'dan ir-rigward, hemm għadd ta' elementi li jenħtieġ li jitqiesu, bħall-età tal-parteċipant u t-tip ta' sport. Fl-ippjanar, it-tfassil u l-ġestjoni tal-faċilitajiet u l-ispazji sportivi, il-protokolli ta' emerġenza għandhom ikunu prijorità, bħalma għandhom ikunu l-miżuri ta' aċċessibilità, iċ-ċertifikazzjoni tas-sostenibilità u r-reviżjoni tal-manutenzjoni tal-ispazji. L-indirizzar ta' dawn l-elementi fuq terminu qasir, medju u twil jista' jkollu impatt dirett u pożittiv fuq l-individwi, filwaqt li jippromwovi wkoll soċjetajiet ta' appoġġ u inklużivi li huma impenjati għall-benesseri u l-protezzjoni taċ-ċittadini tagħhom.

Minn perspettiva soċjali u kulturali, is-saħħa u s-sikurezza u l-aspetti mediċi u tal-iġjene tal-avvenimenti tal-massa u l-kompetizzjonijiet sportivi huma essenzjali biex l-isport jiġi pprattikat f'ambjent sikur. L-elementi strutturali, bħall-kwalità tal-faċilitajiet infushom, għandhom rwol importanti f'termini ta' sigurtà, l-istess bħal-loġistika, l-organizzazzjoni u l-ġestjoni, fejn huma kkonċernati l-persunal u l-ispazji ta' ġewwa u ta' barra. L-involviment tal-persunal tas-sigurtà (il-pulizija u l-korpi tas-sigurtà) huwa essenzjali biex jinkisbu ambjenti sikuri fl-isport.

Fid-dawl taċ-ċirkostanzi legali, ġudizzjarji, kulturali u storiċi partikolari f'kull Stat Membru, kif ukoll in-natura speċifika u s-serjetà tal-kwistjonijiet ta' protezzjoni u sigurtà, l-approċċ għal ambjenti sikuri fl-isport għandu jkun komprensiv u olistiku. Konsegwentement, għandhom jinħolqu alleanzi internazzjonali, nazzjonali u lokali effettivi sabiex jiġi żviluppat approċċ multiistituzzjonali integrat u bbilanċjat biex jiġu żgurati ambjenti sikuri għall-isport.

Waħda mill-isfidi ewlenin f'dan ir-rigward hija mingħajr dubju l-identifikazzjoni, il-prevenzjoni u r-rispons għal diskors razzist, ksenofobu jew ta' mibegħda. Barra minn hekk, il-vjolenza relatata mal-isport xi drabi tista' tinfirex lil hinn mill-avveniment sportiv innifsu u tippreżenta periklu għall-pubbliku ġenerali. Għalhekk, ikun ta' benefiċċju kbir jekk l-awtoritajiet u l-persunal tas-sigurtà jkunu jistgħu jaqsmu bejniethom informazzjoni dwar il-profilu tar-riskju f'avvenimenti sportivi. Ikun utli wkoll li jsir investiment f'korsijiet ta' taħriġ dwar il-kontroll tal-folla, il-prevenzjoni tal-vjolenza u l-vandaliżmu biex jiġi żgurat ambjent sikur, protettiv u akkoljenti fl-isport u fi kwalunkwe avveniment ieħor tal-massa.

L-isport għandu rwol importanti fl-inklużjoni u fil-promozzjoni ta' valuri bħall-kooperazzjoni, is-solidarjetà, il-ġustizzja u d-demokrazija. Dan l-approċċ għandu jibda fl-iskejjel u għandu jkun akkumpanjat minn miżuri adegwati u proporzjonati, bħala parti minn strateġija wiesgħa ta' sigurtà u protezzjoni, sabiex jinħolqu avvenimenti sportivi sikuri li huma attraenti għal kulħadd.

L-awtoritajiet pubbliċi jew il-korpi kompetenti għandhom jadottaw ukoll standards jew jimplimentaw mekkaniżmi biex jiggarrantixxu l-effettività tal-proċeduri, il-protokolli u s-sistemi ta' protezzjoni u sigurtà.

Is-saħħa hija wkoll element importanti fid-diskussjoni dwar ambjenti sikuri għall-isport.

L-isport iġib miegħu benefiċċji tas-saħħa inkontestabbli, iżda jista' jippreżenta riskju għas-saħħa jekk ma jkunx ipprattikat f'ambjent sikur jew jekk l-isport ipprattikat ma jkunx adattat għall-individwu, li jista' jkun espost għal inċidenti, korrimenti jew mard b'riżultat ta' dan. Sabiex dawn ir-riskji jitnaqqsu kemm jista' jkun, għandu jsir eżami mediku sportiv qabel ma tinbeda kwalunkwe prattika sportiva ġdida. Dan jivvaluta l-adegwatezza ta' persuna għal sport partikolari u jidentifika patoloġiji jew kwalunkwe kundizzjoni medika li abbażi tagħha ma jkunx rakkomandabbli li jiġi prattikat sport partikolari. Eżami bħal dan inaqqas ukoll l-imwiet f'daqqa fl-isport jekk ċerti kundizzjonijiet mediċi jiġu identifikati minn qabel. Ikun rakkomandat ħafna li dawk kollha li jwettqu attività fiżika jew li jipprattikaw sport tad-dilettanti jagħmlu valutazzjoni medika u li din issir obbligatorja fil-bidu tal-istaġun u biex tinkiseb liċenzja għall-prattika ta' dak l-isport. Għall-atleti ta' livell għoli, ikun rakkomandabbli wkoll li jkunu soġġetti għal programm ta' monitoraġġ tas-saħħa. Għandha tingħata wkoll assistenza medika xierqa fil-faċilitajiet sportivi u fil-postijiet tal-kompetizzjoni, b'mod partikolari għal avvenimenti kbar.

Huwa daqstant importanti li jiġu implimentati rekwiżiti minimi għall-ħiliet u l-kompetenzi tal-kowċis minħabba li għandhom rwol ewlieni f'soċjetà li qed tinbidel. Din hija r-raġuni għaliex il-kowċis iridu jinżammu responsabbli milli jiżguraw li joperaw b'mod sikur u etiku għall-benefiċċju tal-parteċipant jew tal-atleta.

Mil-lat soċjali, identifikajna oqsma differenti li jeħtieġu ħidma biex jiġi żgurat ambjent sikur għall-isport.

L-ewwel nett, l-isport tat-tfal huwa importanti għall-iżvilupp fiżiku, soċjali, emozzjonali u psikoloġiku xieraq tat-tfal. F'każijiet fejn ikun hemm ħjiel ta' abbuż, fastidju, vjolenza jew aggressjoni fiżika, psikoloġika jew soċjali, l-edukaturi u l-awtoritajiet lokali jridu jaħdmu flimkien biex jiproteġu lit-tfal.

L-istudju tal-Kummissjoni tal-2019 dwar is-salvagwardja tat-tfal fl-isport identifika żewġ oqsma ewlenin fil-qasam tas-salvagwardja tat-tfal fl-isport li jeħtieġu attenzjoni: il-kunċettwalizzazzjoni tal-vjolenza kontra t-tfal fl-isport (inkluż kwistjonijiet bħall-abbuż psikoloġiku, il-bullying jew it-taħriġ żejjed li storikament ingħataw inqas attenzjoni) u ta' miżuri ta' salvagwardja adegwati; u l-iżvilupp ta' standards u prattiki ta' salvagwardja aktar konsistenti (bħall-ħtieġa għal livelli xierqa ta' governanza u l-iżvilupp ta' gwida aktar ċara għall-partijiet ikkonċernati u l-prattikanti).

It-tieni, il-kundizzjonijiet iridu jkunu tali li l-persuni kollha b'diżabilità jkunu jistgħu jipparteċipaw fl-isport f'ambjent ugwali u sikur, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-isport adattat.

It-tielet qasam jikkonċerna l-ġlieda kontra l-vjolenza sesswali kemm fuq l-irġiel kif ukoll fuq in-nisa. F'konformità mal-oġġettiv ta' ambjent sikur għall-isport, iridu jitqiesu miżuri biex tiġi indirizzata l-vjolenza sesswali, kif ukoll l-abbuż verbali, fiżiku jew psikoloġiku u l-fastidju. Il-federazzjonijiet sportivi għandhom jistabbilixxu pjanijiet ta' azzjoni, jiżviluppaw kanali ta' rappurtar, u jistabbilixxu mekkaniżmi għall-prevenzjoni tal-abbuż u jipprovdu ambjenti sikuri għal kull sport.

1. X'inhuma l-aktar miżuri li rnexxew meħuda f'pajjiżek għall-promozzjoni ta' ambjenti sikuri fl-isport?
 2. X'miżuri għandhom jiġu kkoordinati fil-livell Ewropew biex jiġu promossi ambjenti sikuri fl-isport?
-